## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

Appell Numru 36/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Alan Caruana.**

Seduta 8 ta' Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kirminali, kontra l-appellant Alan Caruana detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293179(M), talli nhar id-disgħa (9) t'Ottubru 2016 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa CCF, Paola:

a) Permezz ta' network jew xi apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-artikolu 49(c) tal-Kap 399;

b) Kif ukoll inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz

pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9;

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 33A tal-Kap 9;

Rat is-sentenza mogħtija mill-fuq imsemmija qorti fit-23 ta' Jannar 2018 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu għall-piena ta' erba' xhur priġunerija. Il-Qorti rabtet lill-imputat ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elf Euro sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Alison Vassallo;

Rat ir-rikors ta' Alan Caruana intavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar 2018 li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-imputzzjonijiet u minn kull ħtija u piena u, b'mod alternattiv, li **tirriforma** l-piena inflitta u flokha tagħti waħda anqas ħarxa u aktar idonea.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar telefonata maghmula mis-siehba tal-imputat mill-Isptar Monte Carmeli lill-imputat inniffsu dak iz-zmien inkarcerata fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Fil-kors ta' din it-telefonata li kienet registrata fuq is-sistema tal-Facilita' u li dwarha ma hemmx kontestazzjoni la dwar il-fatt li saret u wisq anqas dwar il-kontenut, l-imputat, apparti rassenja ta' kliem oxxen u vulgari, jinstema' jghid li kien ser jaghmel offizi fuq il-persuna ta' gwardjana tal-Facilita', WCO 24 , b'reazzjoni ghall-intervent taghha meta sabet id-droga fic-cella tas-siehba tieghu;
2. Illi f'telefonata precedenti bejn l-istess persuni kien issemma ukoll CO 175. Dawn iz-zewg gwardjani ma kien jafu b'xejn dwar dan u ingiebu a konoxxenza biss wara li ufficcjali tal-Facilita' gibdulhom l-attenzjoni. CO 175, izda, xehed li ingibditlu biss l-attenzjoni illi l-imputat kien qal xi kliem negattiv dwaru permezz tat-telefon u li ma jafx x'kien dan il-kliem. WCO 24, izda ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid ghaliex hassitha mhedda minn dak li semghet;

3. L-ewwel Qorti sabet htija fl-imputat wara li kkunsidrat illi kwantu r-reat jikkonsisti f'theddida fit-termini tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 mhux mehtieg li din ssir direttament u fil-presenza tas-suggett passiv u dan kif traccat fil-gurisprudenza Taljana u kitbiet ta' guristi. Issa, l-aggravju tal-appellant huwa principalment dwar dan, igifieri, li dik it-telefonata kienet wahda privata bejn zewg minn nies inkarcerati u ma

kienitx intiza biex tinstema' u konsegwentement tqajjem biza' fil-konfront tal-ufficcjal;

4. Tajjeb li jkun osservat, qabel xejn, illi l-ewwel imputazzjoni tiddependi fuq it-tieni wahda fis-sens illi f'kaz li ma jirrizultax it-theddid lamentat bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, allura ma jistghax jirrizulta l-uzu hazin ta' xi network kif ravvizat fl-artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta;

5. L-ilment tal-imputat hu li din kienet konversazzjoni privata u li qal li qal fis-sahna tal-mument u mhux b'sens ta' theddid u li kieku ried jaghmel dak li qal fuq it-telefon kien jghamlu minghajr ma jghid lill-hadd. Izid jargumenta illi la darba ma ndirizzax dak id-diskors direttament lill-WCO 24, fis-sens li ma kienitx prezenti u ma lissen l-ebda theddida lilha personalment, allura r-reat ma jistax jissussisti. L-appellant huwa zbaljat. Dan ghaliex it-telefonata bejnu u s-siehba tieghu ma tibqax ta' natura privata meta hi wahda li tkun monitorata u registrata. Inoltre, kif jghallem l-Antolisei (Manuale Di Diritto Penali – Parte Speciale I – ed 1957 a pg 118 et seq, is-soggett passiv m'ghandux ghalfejn ikun prezenti biex tissussiti t-theddida: "*La presenza del soggetto passivo non e' necessaria: basta che costui ne venga comunque a conoscenza (Anche su cio' non vi e incertezza nella gurisprudenza. Cfr., ad es., Cass. 8 luglio 1952, II 1006,836).* (Pg 120);

6. Issa, apparti l-elementi l-ohra konsisteni fil-possibilita' u r-realta' tad-dannu minaccjat, li dan jkun ingust u l-element

xjenti fost ohrajn, wiehed mill-aktar importanti hu li "*La minaccia, come dianzi e'stato spiegato,consisti del prospettare ad un individuo un male futuro, il cui accerarsi depende dalla volonta' dell'agenti. .... L'annunzio del danno futuro puo' verificarsi in modi assai diversi: con parole, con scritt, con disegni, con gestiod altri atti espressivi, come, ad es', mostrare un'arma o un oggetto che puo' essera escambiato per tale. La minaccia puo' manifestarsi in scariate forme ed appunto in relazione alla varieta' dei mezzi adoperabili la dottrina parla din imaccia esplicita o implicita, diretta o indiretta, reale o simbolica*" (pg 119). Minn hawn titnissel il-preokupazzjoni ta' din il-Qorti dwar kemm kien konsmat o meno ir-reat aktar u aktar meta l-istess awtur jissokta jghid: "*Il delitto si consuma con la percezione da parte del soggetto passivo dell'espression minaccious, e in particolare ne momento in cui la parola e'udita, la scritto o il-disegno e'ricevuto o il gesto e'visto dal soggetto stesso*";

7. Dan qed jinghad ghaliex donnu jidher illi mid-deposizzjoni taghha quddiem din l-ewwel Qorti WC0 24 tghid li kienet avvicinata mid-Direttur tal-Habs li kien hemm xi theddid fi-konfront tieghu u li ser jittiehdu passi. Spjegat li dan it-theddid kien sar fuq telefonata bejn l-imputat u t-tfajla dwar sejba ta' drogi fic-cella taghha. L-artikolu 95 huwa intiz biex jiproteggi fost ohrajn l-forzi tal-ordni inkluz allura gwardjani tal-Habs sabiex ikunu jistghu jaqdu dmirijiethom minghajr biza' u xkiel. Naturalment minghajr ebda rifless fuq il-kumplament tal-konsiderazzjonijiet, dan hu aktar rilevanti llum bil-forom kollha ta' midja socjali u networks f'dawk ic-cirkostanzi sfortunati fejn xi uhud jghazlu li jippublikaw

diskors bla qies li jista' jwassal ghal-theddid u ingurji u jirrendu ruhhom passibbli ghal-ksur tal-artikolu 95 apparti l-hsara ghal-liberta' tal-persuna inkarigata b'ufficcju pubbliku. Marbut ma' dan, izda, jehtieg li jkun determinat jekk il-parti li gustament tirraporta tali theddid verament u realment thosshiex mhedda jew ingurjata b'dak l-allegat diskors;

8. Filwaqt illi d-diskors tat-telefonata registrata huwa verament ingurjuz u minaccjuz minnu nniffsu, jibqa' l-fatt izda, illi WCO 24 ma semghetx ir-registrazzjoni hi stess u dan johloq ostakolu doppju skond kif jghallem l-Antolisei, (*op. cit.*) ghaliex b'hekk il-minaccja ma kienitx effettivament mwassla lis-suggett passiv u l-istess suggett ma tistghax tghid ghaliex hassitha mhedda jekk ma semghetx dak id-diskors per via ta' registrazzjoni. Qalulha biss li kienet mhedda. Jekk talvolta l-element *de visu* ser ikun interpretat b'mod li hu sodisfatt kemm il-darba s-suggett passiv jingieb a konjizzjoni tieghu minn terzi, allura is-suggett irid almenu jkun jaf x'kien dak id-diskors li jista' hu jiddeciedi jekk jikkonsidrahx bhala theddid;

9. Minn ezami akkurat tal-atti, jidher li kienet l-ewwel Qorti li hadet il-briga li tisma t-telefonata u tirriproduci partijiet taghha fis-sentenza. Dan izda ma jissodisfax ir-rekwizit illi b'xi mod is-suggett passiv jehtieg li jkun mgharraf b'dak li ntqal fil-konfront tieghu. Hu f'dan l-aspett biss li l-appellant ghalhekk ghandu ragun;

10. Illi ghalhekk ma jistax' jitqies li kienet tirrizulta it-tieni imputazzjoni u konsegwentement lanqas ma seta' jinsab hati l-imputat tal-ewwel imputazzjoni;

11. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, tilqa' l-ewwel talba u konsegwentement thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.